

**Brussell, 21 ta' Frar 2022
(OR. en)**

6120/22

**CFSP/PESC 149
COPS 58
CLIMA 60
DEVGEN 23
ENV 113
ONU 20
RELEX 159
NDICI 5
SUSTDEV 42**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	ST 6118 2022 & ST 6118 2022 COR1 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima: naċċelleraw l-implimentazzjoni tal-eżiti ta' Glasgow

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima: naċċelleraw l-implimentazzjoni tal-eżiti ta' Glasgow, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Frar 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima: naċċelleraw l-implimentazzjoni tal-eżiti ta' Glasgow

1. Il-Kunsill jilqa' l-eżitu tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fi Glasgow (COP26), b'mod partikolari l-miri l-ġodda mħabbra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-għanijiet għan-newtralità u l-istrateġiji fit-tul u r-rikonoxximent tas-sens akbar ta' urġenza li jiżiedu l-azzjoni u l-kooperazzjoni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u dwar ir-reżiljenza, u biex it-telf u l-ħsara b'riżultat tat-tibdil fil-klima kkawżat mill-bniedem jiġu evitati, minimizzati u indirizzati. Il-Kunsill jilqa' wkoll id-determinazzjoni mill-Partijiet li jkomplu bl-isforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1.5 °C, li teħtieġ tnaqqis rapidu, profond u sostnut fl-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra f'dan id-deċennju u l-impenn li jintemm l-użu bla waqfien tal-enerġija mill-faħam permezz ta' eliminazzjoni gradwali, u jitwaqqfu sussidji ineffiċjenti għall-fjuwils fossili. Fl-istess ħin, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-livell għoli ta' ambizzjoni tad-diplomazija tal-UE dwar il-klima u l-appell tiegħu għal azzjonijiet konkreti, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa ta' trasformazzjoni determinata u ġusta madwar id-dinja favur in-newtralità klimatika, inkluż l-eliminazzjoni gradwali tal-użu bla waqfien tal-faħam fil-produzzjoni tal-enerġija u – bħala l-ewwel pass – tmiem immedjat tal-finanzzjament kollu tal-infrastruttura ġdida tal-faħam f'pajjiżi terzi, u l-iskoraġġiment ta' kull investiment ulterjuri fi proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija bbażati fuq fjuwils fossili f'pajjiżi terzi, sakemm ma jkunux kompletament konsistenti ma' perkors ambizzjuż u definit b'mod ċar favur in-newtralità klimatika skont l-oġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u l-aħjar xjenza disponibbli. Huwa jilqa' wkoll l-inizjattivi settorjali mnedija fost l-oħrajn fis-Summit tal-Mexxejja Dinjija u l-konklużjoni tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu b'mod attiv fuq l-implimentazzjoni tagħhom. It-tlestija tal-ġabra ta' regoli ta' Katowice tal-Ftehim ta' Pariġi hija pass sinifikanti 'l quddiem, li jippermetti l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Pariġi.

2. Madankollu, anki bit-twettiq sħiħ tal-miri u l-wegħdiet kollha kif imħabbra fi Glasgow, għad hemm riskju sinifikanti li t-tisħin globali ma jiġix limitat għal ferm inqas minn 2 °C, filwaqt li qed nimmiraw lejn 1.5 °C. L-emissjonijiet globali mill-fjuwils fossili fl-2021 reġgħu żdiedu għal-livelli ta' qabel il-pandemija u setgħu għadhom ma laħqux il-quċċata. Għalhekk huma meħtieġa b'mod urġenti aktar sforzi globali kemm dwar il-mitigazzjoni kif ukoll dwar l-adattament, peress li kull frazzjoni ta' grad ta' tisħin globali 'l fuq minn 1.5 °C ser ikollha impatti detrimentali serji fuq in-nies u l-ambjent tagħhom, kif ikkonfermat mill-evidenza xjentifika ppreżentata mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC)¹.
3. Bil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, miri ambizzjużi u legalment vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030 u n-newtralita klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, u l-pakkett leġiżlattiv dwar il-klima kif propost skont il-Patt Ekoloġiku, l-UE qed tieħu azzjoni determinata u deċiżiva biex taħdem favur l-adozzjoni rapida tagħha, bl-għarfien li s-saħħa diplomatika esterna tagħha dwar il-klima tiddependi fuq il-qawwa tal-politiki tal-UE domestiçi tagħha u s-soluzzjonijiet innovattivi mill-industrija u n-negozji tal-UE. F'dan il-kuntest, l-UE tilqa' wkoll l-impenji minn setturi differenti bħat-trasport, inkluż it-trasport marittimu. Dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill jistabbilixxu l-prioritajiet tagħna għall-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-eżiti tal-COP26 ta' Glasgow permezz tad-Diplomazija dwar il-Klima fl-2022, filwaqt li jibnu fuq Konklużjonijiet preċedenti, b'mod partikolari dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija tal-25 ta' Jannar 2021.
4. It-tibdil fil-klima huwa theddida eżistenzjali għall-umanita. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Pariġi u t-twettiq tal-impenji li saru fil-COP26, b'ħidma fi sħubija lejn il-COP27 f'Sharm el-Sheikh u l-COP28 fl-Emirati Għarab Magħquda, ser ikunu kruçjali biex tiġi indirizzata l-emerġenza klimatika. L-UE u l-Istati Membri tagħha, f'approċċ konġunt ta' Tim Ewropa, ser jittrattaw ma' sħab madwar id-dinja biex jindirizzaw l-isfidi li għadhom eżistenti u dawk emerġenti u ser jaħdmu b'mod attiv fuq l-implimentazzjoni ta' diversi inizjattivi u appelli settorjali, li jirriżultaw minn Glasgow. L-UE ser tagħmel l-almu tagħha biex tappoġġja l-ħidma tal-Presidenza Eġizzjana tal-COP27 lejn eżitu ambizzjuż.

¹ L-aktar reċenti fil-ħidma preparatorja tiegħu għas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC mill-Gruppi ta' Ħidma I, II u III, u t-tliet Rapport Speçjali maħruġa dwar it-Tisħin Globali ta' 1.5 °C, it-Tibdil fil-Klima u l-Art, l-Ocean u l-Krijosfera fi Klima li qed Tinbidel. Ara <https://www.ipcc.ch/reports/>.

5. L-UE tilqa' l-wegħdiet ġodda kollha u l-preżentazzjoni ta' Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDC) b'ambizzjoni msaħħa u Strateġiji fit-Tul. L-UE tfakkar li l-Partijiet kollha ntalbu jirrevedu u jsaħħu l-miri tal-2030 fl-NDCs tagħhom kif meħtieġ biex ikunu allinjati mal-għan rigward it-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi sa tmiem l-2022, biex jippreżentaw Strateġiji fit-Tul, u tappella lill-Partijiet kollha, b'mod partikolari lill-membri tal-G20 li l-miri attwali għall-2030 u l-Miri fit-Tul tagħhom mhumiex kompatibbli mal-għan rigward it-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi, biex iżidu l-ambizzjoni klimatika tagħhom fl-2022 u jimxu lejn miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha u trajettorja lejn in-newtralità klimatika sa nofs is-seklu.
6. Il-kisba ta' progress fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 7 biex jiġi żgurat aċċess għall-enerġija affordabbli, affidabbli, sostenibbli u moderna għal kulħadd hija prijorità għall-UE. F'dan il-kuntest l-UE ser taħdem mill-qrib, fost l-oħrajn, mas-sħab Afrikani tagħha biex jiġi appoġġat l-aċċess universali għal teknoloġiji sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-enerġija interkonnessa, filwaqt li jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-qabża lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. F'dan il-kuntest, l-Inizjattiva dwar l-Enerġija Ekoloġika UE-Afrika ser tintuża biex tingrana l-finanzjament privat u pubbliku għal proġetti u riformi tal-enerġija skont l-oġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u f'approċċ konġunt ta' Tim Ewropa. Fl-isforzi tagħha, fl-Afrika u ma' sħab oħra madwar id-dinja, l-UE ser tibni wkoll fuq l-eżiti tal-Kunsilli ta' Tranżizzjoni tal-Enerġija u d-Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-Enerġija.
7. Id-diplomazija dwar il-klima tibqa' komponent ewlieni tal-politika estera u ta' sigurtà tal-UE u hija prijorità konġunta u dejjem aktar importanti fid-djalogi u l-kooperazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha ma' pajjiżi terzi u reġjuni [kif muri mis-Summit reċenti UE-UA fis-17-18 ta' Frar, il-laqgħa ta' dan il-Kunsill mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf] u sħubiji bilaterali u multilaterali oħra mibdija mill-UE kif ukoll mill-Istati Membri tagħha. L-importanza dejjem tikber tat-tibdil fil-klima fir-relazzjonijiet tagħna mas-sħab tidher ukoll minn inizjattivi konġunti li jħarsu 'l quddiem li fihom il-klima għandha rwol ċentrali x'taqdi bħal fid-Dikjarazzjoni tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant ta' Diċembru 2021, l-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent, u l-Istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku, li jwittu t-triq għall-kooperazzjoni tagħna. L-UE ser tappoġġa l-ambizzjonijiet tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u tas-Sħubija tal-Lvant fl-indirizzar tal-isfidi ambjentali u klimatiċi u l-allinjament tagħhom mal-acquis tal-UE. Għaldaqstant, l-azzjoni klimatika hija parti ċentrali mis-sett ta' għodod tal-politika esterna tal-UE u hija marbuta b'mod qawwi mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli usa' kif ser jintwera, fost l-oħrajn, mill-Konferenza tan-NU ta' Stokkolma +50 li jmiss.

8. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-effetti diretti u indiretti tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali jirrappreżentaw riskji għar-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà tal-bniedem u tal-istat, idgħajfu l-paċi u l-istabbiltà globali u ħafna drabi jaċċelleraw jew japprofondixxu l-vulnerabbiltajiet u l-instabbiltà eżistenti. Il-Kunsill jilqa' l-enfasi akbar mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u korpi oħra tan-NU fuq ir-rabta bejn il-klima, il-paċi u s-sigurtà. Filwaqt li ntuża l-veto, l-appoġġ wiesa' minn 113-il pajjiż għar-Riżoluzzjoni tematika tal-KSNU ta' Diċembru 2021 dwar l-implikazzjonijiet tas-sigurtà tat-tibdil fil-klima kien indikazzjoni ċara li l-importanza ta' dan il-kunċett, li għalih l-UE tibqa' kommissa, huwa rikonoxxut b'mod wiesa'. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-Kunċett tal-UE għal Approċċ Integrat dwar it-Tibdil fil-Klima u s-Sigurtà, li jstabbilixxi qafas biex tiġi indirizzata r-rabta bejn il-klima, il-paċi u s-sigurtà fl-azzjoni esterna tal-UE u jappella għall-implimentazzjoni robusta tiegħu. Il-Kunsill jistieden lis-SEAE biex isaħħaħ l-operazzjonalizzazzjoni tal-Kunċett dwar il-Medjazzjoni tal-Paċi tal-UE biex tiġi appoġġata r-riżoluzzjoni ta' konflitti kkawżati mill-klima. Jilqa' wkoll aktar ħidma konġunta fuq dawn il-kwistjonijiet bejn l-UE, is-sistema tan-NU, l-OSKE u n-NATO.
9. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri tal-UE, biex ikompli u jżid Diplomazija attiva dwar il-Klima u kooperazzjoni mas-sħab fit-tħejjija għall-COP27, biex jiġu stabbiliti miri aktar ambizzjużi, jissaħħu l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament globalment u jitfassal perkors ċar b'politiki ta' implimentazzjoni konkreti biex artikolazzjonijiet ta' intenzjoni, kif espressi fi Glasgow, jissarrfu f'azzjoni konkreta fl-2022, li turi li t-tranżizzjoni ekoloġika tista' toffri impjiegi ġodda u opportunitajiet ekonomiċi u soċjali skont perkors newtrali għall-klima. F'dan il-kuntest, l-UE ser tkompli taħdem lejn l-istabbiliment ta' aktar sħubijiet u alleanzi ekoloġiċi.
10. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa għall-integrazzjoni sistematika tad-drittijiet tal-bniedem fl-azzjoni dwar il-klima u d-diplomazija dwar l-enerġija. F'dan il-kuntest, l-UE ser tkompli tirrispetta, tippromwovi u tħares l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet. L-UE ser tkompli tappoġġa wkoll il-parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġh u l-involvement tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar proċessi b'implikazzjonijiet fuq it-tibdil fil-klima, fost l-oħrajn permezz tal-appoġġ għall-inizjattiva Youth4Climate.

11. Il-Kunsill jirrikonoxxi li n-nuqqas ta' finanzjament fuq skala xierqa għal tranżizzjonijiet tal-enerġija reżiljenti u ġusti f'pajjiżi b'introjtu medju u baxx jibqa' ostaklu għall-iżvilupp ekoloġiku u sostenibbli. Fid-dawl ta' dan, l-UE ser tkompli, fost l-oħrajn permezz tal-Global Gateway, tipprovdi offerta sostenibbli, ekoloġika u pożittiva lis-sħab għall-iżvilupp ta' infrastruttura tal-enerġija, tat-trasport u diġitali affidabbli u reżiljenti għall-klima, filwaqt li fl-istess ħin tikkontribwixxi għal ambjent ta' investiment prevedibbli u stabbiltà internazzjonali.
12. Fi spirtu ta' Tim Ewropa, id-Delegazzjonijiet tal-UE, b'mod konġunt mal-Istati Membri tal-UE, ser jaħdmu flimkien mal-gvernijiet, in-negozji u s-soċjetà ċivili inkluż rappreżentanti taż-żgħażaġh f'pajjiżi sħab, u jkunu involuti regolarment magħhom dwar pjanijiet u azzjonijiet dwar il-klima, il-bijodiversità, il-ġestjoni tal-ilma u l-ambjent u biex jesploraw l-ambitu għal aktar kooperazzjoni.
13. Dawn l-isforzi diplomatiċi għandhom jinkoraġġixxu wkoll lill-pajjiżi u r-reġjuni sħab biex jimplimentaw politiki settorjali dwar il-klima li għandhom jiġu kkomplementati minn politiki nazzjonali dwar l-ipprezzar tal-karbonju u s-swieq internazzjonali tal-karbonju, wara t-tlestija tal-Ġabra tar-Regoli ta' Katowice tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jirrikonoxxu n-negozjati li għaddejjin fil-livell internazzjonali dwar setturi ekonomiċi speċifiċi. L-UE tqis l-iżvilupp tas-swieq tal-karbonju bħala għodda kosteffettiva biex jittrażżnu l-emissjonijiet. Il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, kif qed jiġi kkunsidrat bħalissa mill-koleġiżlaturi tal-UE, għandu l-għan li jiżgura l-integrità ambjentali tal-politiki klimatiċi u jevita r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, b'mod kompatibbli mad-WTO.
14. Il-Kunsill jilqa' r-rikonoxximent tal-G7 u l-G20 li ż-żamma tal-investiment globali fil-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-faħam mingħajr tnaqqis fl-emissjonijiet hija inkompatibbli mal-mira ta' 1.5 °C. L-impenn biex sa tmiem l-2021 jintemm l-appoġġ pubbliku internazzjonali għid għall-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-faħam termali mingħajr tnaqqis fl-emissjonijiet kien l-ewwel pass meħtieġ u l-UE ser tappoġġa lill-presidenza Ġermaniża tal-G7 u dik Indoneżjana tal-G20 biex ikompli l-isforzi u jżied l-impenn. Dan huwa partikolarment importanti fuq l-isfond tal-previżjoni tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija li d-domanda globali għall-faħam tista' tilħaq livelli rekord ġodda fl-2022 u tibqa' f'dak il-livell għas-sentejn ta' wara. Hija meħtieġa urġentement aktar azzjoni f'dan il-qasam u f'oqsma relatati biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

15. Il-Kunsill jilqa' s-Sħubija għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija mal-Afrika t'Isfel u jistenna b'interess l-operazzjonalizzazzjoni ta' din is-sħubija fl-2022. Huwa jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Istati Membri, lill-BEI, lill-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp u lil sħab oħra, biex f'koalizzjonijiet ta' appoġġ qabel il-COP27 jesploraw opportunitajiet għal aktar Sħubiji, u biex jidħlu f'kontatt ma' pajjiżi li jiddependu ħafna fuq l-enerġija mill-faħam jew fuq l-estrazzjoni tal-faħam sabiex jattwaw l-eliminazzjoni gradwali tagħhom u jappoġġaw lis-sħab fl-iżvilupp sostenibbli tagħhom. Il-Kunsill jipproponi aktar ħidma abbażi tal-inizjattivi li għaddejjin u l-esperjenzi mal-Inizjattiva tar-Reġjuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni fil-Balkani tal-Punent u l-Ukrajna, u l-iżvilupp tal-kooperazzjoni mmirata lejn tranżizzjoni għall-iżvilupp ġust u sostenibbli mas-sħab, b'mod partikolari fil-Viċinat tal-UE.
16. Il-Kunsill jappella wkoll lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jintensifikaw il-ħidma u s-sensibilizzazzjoni internazzjonali dwar it-tmien tas-sussidji għall-fjuwils fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent skont skeda ta' żmien ċara, bil-għan li jiġu stabbiliti stadji importanti għat-tneħħija gradwali tagħhom, inkluż permezz tad-WTO u fil-kuntest tad-djalogu dwar ir-riforma tas-sussidji tal-fjuwils fossili fl-OECD. L-UE tappoġġa wkoll il-modernizzazzjoni tal-arranġamenti tal-OECD dwar krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati.
17. Il-Kunsill jilqa' l-għan tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan, imlaqqa' mill-UE u l-Istati Uniti flimkien, li jwassal għal tnaqqis globali ta' 30 % fl-emissjonijiet tal-metan sal-2030 mil-livelli tal-2020, u jfaħħar lil aktar minn 100 Parti li hađu l-impenn għall-għanijiet tagħha. Huwa jinkoraġġixxi lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jaħdmu għas-segwitu operazzjonali, flimkien ma' partijiet rilevanti oħra, u jespandu aktar il-bażi ta' appoġġ tagħha. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappoġġa t-tisħiħ ulterjuri tal-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan.
18. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li tissaħħaħ l-azzjoni kooperattiva internazzjonali dwar l-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija, bħal fil-qafas tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti u l-Kunsill tal-Enerġija bejn l-UE u l-Istati Uniti. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-involvement orjentat lejn l-impatt tal-pajjiżi fil-Missjoni Innovazzjoni u azzjonijiet oħra li jippermettu l-użu wiesa' ta' teknoloġiji innovattivi.

19. Il-Kunsill jinnota b'dispijaċir li l-impenn kollettiv mill-pajjiżi żviluppati biex jimmobilizzaw \$100 biljun fis-sena sal-2020 ma ntlaħaqx. L-UE tappoġġa bis-sħiħ il-pjan direzzjonali deskritt fil-Pjan ta' Finanzjament għall-Klima tal-COP26 u thegġegħ lill-Partijiet l-oħra kollha kkonċernati mill-pajjiżi żviluppati biex jikkontribwixxu sabiex l-għan ta' mobilizzazzjoni ta' \$100 biljun jintlaħaq fl-2022, iżda ċertament mhux aktar tard mill-2023.
20. Il-Kunsill jinnota li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributur tal-finanzjament pubbliku għall-klima hekk kif il-kontribuzzjoni żdiedet b'aktar mid-doppju mill-2013 'l hawn, għal EUR 23.39 biljun f'finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima impenjat mill-UE u l-Istati Membri tagħha fis-sena 2020. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu bl-isforzi tagħhom biex iżidu l-finanzjament għall-klima. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li, minbarra l-mira ta' nfiq ta' 30 % stabbilita fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali (2021-2027), il-Kummissjoni impenjat EUR 4 biljun addizzjonali għall-finanzjament għall-klima sal-2027, li huwa ekwivalenti għal mira ta' nfiq ta' 35 % għall-finanzjament għall-klima. Dan jirrappreżenta sforz bla preċedent mill-UE biex tindirizza t-tibdil fil-klima.
21. L-UE tappella wkoll lil Partijiet oħra f'pożizzjoni li jagħmlu dan, biex iżidu l-finanzjament għall-klima. L-UE tistenna b'interess ukoll li jsir progress fid-deliberazzjonijiet dwar il-Mira Kollettiva Kwantifikata Ġdida għall-wara l-2025 sostnut mill-ħtieġa li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn żvilupp newtrali u reżiljenti għall-klima. L-UE tistieden b'mod urġenti lill-Partijiet kollha, lill-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs), lil istituzzjonijiet finanzjarji oħra u lis-settur privat biex itejbu l-mobilizzazzjoni finanzjarja, b'mod konsistenti mal-għanijiet ta' mitigazzjoni u adattament tal-Ftehim ta' Pariġi. Fl-istess ħin, il-Kunsill jappella għal aktar trasparenza u għal monitoraġġ, rappurtar u evalwazzjoni aktar sistematiki tal-użi tal-finanzjament għall-klima. L-UE tissottolinja wkoll il-ħtieġa li jissaħħa l-aċċess għall-finanzjament għall-klima mill-fondi internazzjonali, u li titnaqqas il-burokrazija, biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-komunitajiet u l-pajjiżi l-aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Stati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw.

22. L-MDBs u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs) jaqdu rwol katalitiku fil-mobilizzazzjoni tas-settur privat u fit-trasferiment tal-flussi finanzjarji globali lejn investimenti sostenibbli u ekoloġiċi. Il-Kunsill iħeġġeġ aktar ekoloġizzazzjoni u allinjament mal-Ftehim ta' Pariġi u l-mira ta' 1.5 °C tal-aġendi u l-portafolli tal-MDB u tal-IFI, l-integrazzjoni tal-għanijiet klimatiċi tal-Ftehim ta' Pariġi fl-operazzjonijiet kollha, u jissottolinja l-importanza li dan l-għan jiġi appoġġat permezz tal-bordijiet b'mod koordinat. Huwa jinkoraġġixxi wkoll lill-istituzzjonijiet multilaterali rilevanti biex jikkunsidraw kif il-vulnerabbiltajiet klimatiċi għandhom jiġu riflessi fil-forniment u l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi finanzjarji aġevolanti u forom oħra ta' appoġġ. L-UE tilqa' l-passi meħuda mill-Banek Ċentrali biex jappoġġaw l-ekoloġizzazzjoni tas-sistema finanzjarja u tinkoraġġixxi aktar sforzi, anke mill-aġenziji nazzjonali ta' kreditu għall-esportazzjoni. F'dan il-kuntest, tilqa' l-ħidma pijuniera tal-Bank Ewropew tal-Investment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, u l-Grupp tal-Bank Dinji u istituzzjonijiet oħra ta' żvilupp u finanzjament. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll b'mod espliċitu lill-għaqdiet filantropiċi u lill-atturi finanzjarji privati biex jappoġġaw azzjoni klimatika ambizzjuża f'pajjiżi terzi.
23. Il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jappoġġaw l-adozzjoni globali ta' standards ta' finanzjament sostenibbli u jippromwovu l-koerenza ma' Prattiki ta' finanzjament sostenibbli, divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u l-Gwida tal-UE għall-verifika tar-reżistenza klimatika ta' proġetti ta' infrastruttura, b'mod partikolari billi jsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali permezz tal-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli u inizzjattivi rilevanti oħra bħall-Koalizzjoni tal-Ministri għall-Finanzi għall-Azzjoni Klimatika.
24. Il-Kunsill jilqa' ż-żieda fl-attenzjoni mogħtija lill-adattament għat-tibdil fil-klima u l-urġenza akbar li qed tinħass għal żieda fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-appoġġ għar-reżiljenza u l-adattament. L-UE tilqa' l-għan ta' Glasgow li tal-inqas jirdoppja l-forniment kollettiv tal-finanżjament għall-klima għall-adattament sal-2025 mil-livelli tal-2019. L-UE ser tkun minn ta' quddiem, kif espress fil-Komunikazzjoni ta' Adattament tagħha, u tħeġġeġ lil oħrajn biex jingħaqdu ma' dawn l-isforzi. L-UE tħeġġeġ ukoll lil oħrajn biex jippreżentaw Komunikazzjonijiet ta' Adattament qabel il-COP27 u tilqa' l-inizzjattivi biex jiżdied il-finanżjament ta' adattament, bħall-grupp informali Champions Group of Adaptation Finance.

25. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu l-importanza li jintlaħaq l-Għan Globali dwar l-Adattament għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi, jilqgħu t-tnedija tal-programm ta' ħidma fuq sentejn ta' Glasgow – Sharm el-Sheikh dwar l-Għan Globali dwar l-Adattament, u ser jikkontribwixxu b'mod attiv għall-implimentazzjoni tiegħu bil-ħsieb li tittejjeb l-azzjoni ta' adattament u jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli.
26. L-UE tistenna b'interess li tidħol b'mod proattiv fid-Djalogu ta' Glasgow biex tiddiskuti l-arranġamenti għall-finanzjament ta' attivitajiet biex it-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima jiġu evitati, minimizzati u indirizzati, filwaqt li tissottolinja r-rabta intrinsika mal-aġenda usa' għall-iżvilupp sostenibbli u l-assistenza umanitarja, u tesprimi l-impenn tagħha li taħdem lejn konklużjoni b'suċċess tad-Djalogu. L-UE tilqa' inizjattivi ulterjuri biex jissaħħu u jiġu estiżi s-sistemi ta' twissija bikrija, l-ippjanar ta' kontinġenza kif ukoll il-finanzjament u l-assigurazzjoni għal riskji klimatiċi sabiex tiġi żgurata protezzjoni sistematika, koerenti u sostnuta ta' persuni u pajjiżi foqra u vulnerabbli.
27. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-indirizzar tat-telf u l-ħsara b'riżultat tat-tibdil fil-klima ser isir dejjem aktar rilevanti madwar id-dinja kollha, inkluż fl-UE, u jirrikonoxxi li ħafna pajjiżi vulnerabbli diġà qed jiġu esposti għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u għandhom l-inqas mezzi biex jilqgħu għall-impatti. L-UE ttenni l-urġenza li jiżdiedu l-azzjoni u l-appoġġ biex it-telf u l-ħsara jiġu evitati, minimizzati u indirizzati u ser tkompli tappoġġa l-operazzjonalizzazzjoni ulterjuri tan-Network ta' Santiago biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali. L-UE tħeġġeġ lis-sħab rilevanti kollha mir-reġjuni kollha biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni effettiva tan-Network kif maqbul fil-COP26. Il-Kunsill jissottolinja l-hteġa urġenti għal miżuri konkreti fuq il-post, l-ewwel nett billi jiżdied il-finanzjament għall-adattament, ir-reżiljenza u biex jiżdiedu l-isforzi internazzjonali u titjib fil-koerenza u l-koordinazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u sħab oħra, inkluż permezz tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri.

28. Meta tittieħed azzjoni klimatika, il-Kunsill jenfasizza l-importanza kruċjali tal-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi kollha, inkluż l-foresti u l-baħar, u jenfasizza r-rwol kritiku ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, anke fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika COP15 li jmiss. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll ir-rwol kritiku li l-baħar għandu fil-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u jissottolinja l-importanza tad-diskussjonijiet multilaterali li qed isiru fl-2022, inkluż il-Konferenza dwar l-Oċeani tan-NU f'Lisbona.
29. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tad-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja ta' Glasgow dwar il-Foresti u l-Użu tal-Art, appoġġata minn 141 firmatarju, inkluż l-UE u l-Istati Membri tagħha, u mirfuda mill-Wegħda Globali għall-Finanzjament tal-Foresti, biex titwaqqaf id-deforestazzjoni, jitreggħu lura t-telf tal-foresti u d-degradazzjoni tal-art sa mhux aktar tard mill-2030 u jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni, flimkien mal-firmatarji l-oħra kollha, biex isegwu l-implimentazzjoni tagħha, fost l-oħrajn billi jippromwovu s-Sħubijiet dwar il-Foresti tal-UE u billi jiżviluppaw u jippromwovu ktajjen tal-valur internazzjonali ħielsa mid-deforestazzjoni.
30. Peress li l-politika dwar l-enerġija hija relatata mill-qrib mal-isfidi globali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, il-Kunsill jistenna b'interess Komunikazzjoni ġdida dwar l-Istrateġija Internazzjonali ta' Impenn fl-Enerġija mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni.
31. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex isaħħu d-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima flimkien mal-Istati Membri, fi spirtu ta' Tim Ewropa, permezz ta' aktar koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni u t-tisħiħ tan-Network Diplomatiku Ekoloġiku tal-UE u l-Grupp ta' Esperti tad-Diplomazija dwar l-Enerġija. Il-Kunsill ser jaħdem, flimkien mar-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni dwar is-segwitu u l-monitoraġġ, permezz ta' rendikont regolari, analizzjiet konġunti u azzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet biex jissaħħa l-impatt tad-Diplomazija dwar il-Klima tagħna.
-